Parroċċa Qalb bla tebgħa ta’ Marija

Burmarrad

N°: 03/15

**AVVIŻI**

**8 ta’ Novembru 2015**

Kif diġa ħabbarna, *illum* il-membri tal-Kumitat tal-Festa sa jkunu qed jiġbru bieb bieb. Inkunu ġenerużi biex inkunu nistgħu nagħmlu festa li tixraq lil Ommna Marija u li tgħaqqadna bħala familja parrokkjali f’ferħ nisrani.

It-tberik taċ-Ċimiterju sa jsir *illum* waqt il-quddiesa fl-4pm. Jekk ikun il-maltemp il-quddiesa ssir fil-Knisja Parrokkjali ta’ San Pawl il-Baħar.

Matul dan ix-xahar kull nhar ta’ Erbgħa, Ġimgħa u Ħadd ikun hemm il-quddiesa fiċ-ċimiterju fil-11.30am. Fil-11.00 jibda r-rużarju. Il-quddiesa tal-Ġimgħa filgħaxija fil-Knisja tkun b’suffraġju tal-mejtin qraba u benefatturi tagħna. Għalhekk inħeġġukom biex tħallu l-envelope bl-ismijiet fil-qoffa li hemm fuq l-altar ta’ Sant’Antnin.

Kull nhar ta’ Ġimgħa qed jiltaqa’ l-grupp tal-adolexxenti u ż-żgħażagħ fiċ-Ċentru Parrokkjali mis-7.30pm ’il quddiem. Iż-żgħażagħ kollha huma mistiedna.
Nhar ta’ Sibt fit-3pm ikun hawn il-laqgħa tal-abbatini fil-Knisja.

Sa jsir kor tat-tfal biex jieħu sehem fil-ċelebrazzjonijiet tal-parroċċa tagħna. Mill-ġimgħa li ġejja nibdew inħejju għall-festi tal-Milied. Nixtieqna li t-tfal kollha jieħdu sehem. Għal aktar dettalji kellmu lill-kappillan.

Nhar is-Sibt 21 ta’ Novembru sa ssir *Pizza Night* fiċ-Ċentru Parrokkjali fis-7.30pm. Bookings fis-sagristija jew għand il-membri tal-Kumitat Festa. Nieħdu din l-okkazzjoni biex niltaqgħu bħala familja parrokkjali u nifirħu flimkien. Aktar dettalji fuq in-noticeboards.